MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-22 ta' April, 2013

Talba Numru. 721/2012

**Mobilise Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Jessica Esourmani (K.I. 199392M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici tghid li l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija, tnejn u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€522.90) in konnessjoni ma’ 79231371 (AC51061214), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 17 ta’ Mejju 2010; illi s-somma ta’ hames mija tnejn u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€522.90) fuq indikata hija komposta minn erba’ mija tlieta u erbghin ewro u disghin centezmu (€443.90) dovuti in konnessjoni mas-servizz 79231371 u dan skont Dokument A anness, flimkien ma’ disgha u sebghin ewro (€79) dovuti bhala penali skont Dokument B anness; illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-

konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 380/12.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-10 t' April, 2013 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija tnejn u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€522.90) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 380/12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------